A.L. 51 ta' l-1995

ATT DWAR IL-ĦINIJIET TAX-XOGĦOL TAL-ĦWIENET U TAL-BEJJIEGĦA FIT-TOROQ (KAP. 155)

Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet li jinsabu f'Lokalità Turistika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet li jinsabu f'Lokalità Turistika, u għandhom jinqraw u jinftehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet li jinsabu f'Lokalità Turistika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 71 ta' l-1993.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tifsira ta' "ħanut" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "u parrukkiera:" fil-paragrafu (ġ) tagħha għandhom jidħlu l-kliem "u parrukkiera;" u minnufih wara l-paragrafu (ġ) tagħha għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(h) ħwienet tad-deheb:".

Jemenda r-regolamentt 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Ottubru, 1993" għandhom jidħlu l-kliem "l-1 ta' April u t-30 ta' Settembru".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara l-lokalità turistika "Xemxija'' fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu dawn il-lokalitajiet ġodda li ġejjin f'Malta:

"Valletta
Mdina
Ta' Xbiex''.